**Laqgha Numru 25/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Il-Hamsa u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 5 ta' Ottubru 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli **(li wasal fil-5.42pm)**, il-Kunsilliera Lauro Fava **(li wasal fil-5.43pm)**, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-27 ta' Settembru 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 20/K6/2011.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 20/K6/2011.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 21/K6/2011.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 21/K6/2011.**

**05. Approvazzjoni tal-Minuti 22/K6/2011.**

**06. Punti li johorgu mill-Minuti 22/K6/2011.**

**07. Approvazzjoni tal-Minuti 23/K6/2011.**

**08. Punti li johorgu mill-Minuti 23/K6/2011.**

**09. Approvazzjoni tal-Minuti 24/K6/2011.**

**10. Punti li johorgu mill-Minuti 24/K6/2011.**

**11. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**12. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**13. Mistoqsijiet.**

**14. Korrispondenza.**

**15. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**16. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**17. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**18. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 20/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 20/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 20/K6/2011.

2.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti, is-Sindku Joe Zammit ghadda ghal item li kien imiss.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 21/K6/2011.

3.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 21/K6/2011 kif ipprezentati.

3.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 21/K6/2011.

4.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti, is-Sindku Joe Zammit ghadda ghall-item li kien imiss.

## 05. Approvazzjoni tal-Minuti 22/K6/2011.

5.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 22/K6/2011 kif ipprezentati.

5.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

5.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Punti li johorgu mill-Minuti 22/K6/2011.

6.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti, is-Sindku Joe Zammit ghadda ghal item li kien imiss.

## 07. Approvazzjoni tal-Minuti 23/K6/2011.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 23/K6/2011 kif ipprezentati.

7.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

7.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08. Punti li johorgu mill-Minuti 23/K6/2011.

8.01. B'riferenza ghall-**Minuti 23/K6/2011** item 2.04, ghall-**Minuti 19/K6/2011** item 2.09 u ghall-**Minuti 18/K6/2011** item 13.05 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li ser issir spezzjoni sabiex tkun tista' tinhareg il-works order ghall-qlugh tal-palm kif ukoll li kien ippropona wkoll li jigu ffirmata l-kuntratti rispettivi ladarba ssir l-ispezzjoni u jinhargu l-works orders relatata, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din l-ispezzjoni kienet ghada ma saritx ghax xtaq li jassisti mieghu xi Kunsillier.

| | |
|---|---|
| **46/4947/11/I**<br>17/08/2011 | Email minghand is-Sur Debattista mid-Dipartment tal-Libreriji fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar tnehhija ta' kotba large prints informa lill-Kunsill li ghalissa ma jitnehha xejn u se jkellem lil Ms. Doreen Borg Zammit sabiex tigi tara l-kotba fuq il-post. |

8.02. B'riferenza ghall-**Minuti 23/K6/2011** item 6.38 u ghall-korrispondenza numru **46/4947/11/I,** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill kien ircieva ittra minghand Ms. Doreen Borg Zammit li ser tigi diskussa aktar il-quddiem.

8.03. B'riferenza ghall-**Minuti 23/K6/2011** item 8.01 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li fl-ahhar ta' Ottubru l-Kunsill jorganizza Haloween night fil-parkegg tal-Kunsill fejn jintuza l-kamp tal-Kunsill kif ukoll l'issir leaflet ghar-residenti, is-Sindku Joe Zammit qal li aktar il-quddiem ser iressaq proposta dwar dan.

## 09. Approvazzjoni tal-Minuti 24/K6/2011.

9.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 24/K6/2011 kifipprezentati.

9.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Punti li johorgu mill-Minuti 24/K6/2011.

10.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti, is-Sindku Joe Zammit ghadda ghal item li kien imiss.

## 11. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 67/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Overseas RUFC **(Ara Dok. A); Internal Memo 68/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Awtorita' tad-Djar **(Ara Dok. B); Internal Memo 69/2011** b'rapport tal-laqgħa li saret mar-residenti ta' Juno Flats **(Ara Dok. C); Internal Memo 70/2011** b'rapport tal-kwotazzjonijiet ghall-biljett tas-safar OSDDT Montpellier **(Ara Dok. D); Internal Memo 71/2011** b'rapport tal-laqgħa li

saret mas-sur Ernst Westphal **(Ara Dok. E); Internal Memo 72/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 20/K6/2011 u 25/K6/2011 **(Ara Dok. F); Internal Memo 73/2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 20/K6/2011 u 25/K6/2011 **(Ara Dok. G);** Flyer dwar il-Vaccin ta' l-Influwenza 2011 **(Ara Dok. H);** Flyer dwar Clean up the World **(Ara Dok. I)** u Flyer dwar il-Kunsill taz-Zghazagh **(Ara Dok. J).**

## 12. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 11.

***12.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wasal fil-5.42pm u l-Kunsillier Lauro Fava wasal fil-5.43pm.***

12.03. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienu saru zewg 'clean-ups' fil-lokal, wahda kif kien approva l-Kunsill ma' haddiema tal-McDonalds fejn saret tindifa madwar il-grawnd il-gdid ta' Pembroke Athleta. Il-kelliem qal li ghal din l-attivita' kienu attendew flimkien mieghu l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat. Fl-ahhar ta' l-attivita' il-haddiem tal-Kuntrattur Shawn Farrugia, is-Sur Karmenu Mazzitelli offra li jigbor il-boroz u mar bihom il-Maghtab. Il-kelliem qal 'Ingabru kwazi 13-il borza bi kwantita' ta' fliexken tax-xorb, pakki tal-jablo u affarijiet ohra ta' l-ikel li jhallu l-genituri, tfal u dawk li jiffrekwentaw din iz-zona. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob lis-sezzjoni tal-Beach Cleaners li hawn f'Pembroke biex jekk jistghu jipprovdu xi tankijiet halli jitferxu madwar din iz-zona biex in-nies ikollhom fejn jiddisponu mill-imbarazz fihom.

12.04. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jitpoggew ukoll tankijiet simili fl-akwati tar-Ranges ta' l-AFM wara D Range.

12.07. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka l'inutli li jitpoggew it-tankijiet jekk dawn ma jitbatlux mill-kuntrattur tal-Kunsill. Il-kelliem irrefera ghall-litter bins li hemm fil-gnien li sar dan l-ahhar mill-Ministeru ta' George Pullicino fi Triq ANZAC fejn qal li t-tankijiet huma kollha mfawra bl-iskart.

12.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-clean-up l-ohra saret nhar is-Sibt 1 ta' Ottubru organizzata minn Nature Trust fejn attendew voluntieri tan-Nature Trust, suldati tal-F.A kif ukoll xi 8 residenti minn Pembroke. Il-kelliem qal li ghal din l-attivita' il-Kunsill kien rapprezentat minnu fejn il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ikkomunikaw mieghu li minhabba mpenji li ma kellhomx kontroll fuqhom ma setghux jattendu.

12.11. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-gimghat li ghaddew kien hawn f'Pembroke s-Sindku ta' Pembroke Wales, Aden Brinn. Il-kelliem qal li kien mar ghalih lejn u lura l-ajruport huwa. Il-kelliem qal ukoll li kemm dam Malta, saret zjara ta' kortezija lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said kif ukoll zar iz-zewg cimiterji kemm tal-Commonwealth f'Pembroke kif ukoll dak Navali tal-Kappucini fil-Kalkara. Is-Sindku Joe Zammit qal li tpoggew kuruni kemm minnaha

tas-Sindku Adenn Brinn kif ukoll minnaha tal-Kunsill ta’ Pembroke fejn attendew is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillieri Joe Brincat u Evelyn Vella Brincat kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

12.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli irrimarka li hadd ma kien fakkru li kien hemm l-attivitajiet tal-Clean up The World.

12.13. Is-Sindku Joe Zammit gibed l-attenzjoni tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li ma kienx ikkomunikax mieghu bhas-soltu minhabba li l-Vici Sindku kien qal li nhar ta’ Sibt kien qed ikun xoghol u ghalhekk ma jkunx jista’ jattendi.

12.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li mill-ufficcju amministrattiv, l-iskrivani ghandhom jergghu jibdew jaghmlu t-telefonati lill-Kunsilliera ta’ kulljum biex ifakruhom fil-laqghat li jkun hemm.

12.15. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.17. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien attenda ghal-laqgha tar-Regjun Tramuntana fejn kien approvat is-Segretarju Ezekuttiv il-gdid wara li ghalqu is-sejhiet u saru l-intervisti.

12.18. Is-Sindku Joe Zammit qal l’attenda ghall-konferenza tal-Public Private Partnership gewwa l-Pheonicia fejn t’interess kien il-fatt li meta xi Kunsill ikun jixtieq li jaghmel xi progett bi shab mal-privat, dan ghandu jitlob laqgha mas-sezzjoni tal-Partnerships biex jinghata gwida u gharfien.

12.19. Is-Sindku Joe Zammit qal li attenda ghac-celebrazzjoni tas-60 anniversarju mit-twaqqif tar-Repubblika tal-Poplu tac-Cina fejn tkellem mal-First Officer fl-Ambaxxata fejn talbu x’kienu l-ahhar zviluppi fit-talba tal-Kunsill ghal-gemellagg ma’ Anning. Il-kelliem qal li huwa nfurmah li kien hemm PQ fil-Parlament fuq dan u ntalab biex tintbaghat kopja lill-Ambaxxata. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jibghat din il-PQ lill-Ambaxxata kif ukoll ippropona biex issir reminder lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jinghata risposta.

12.20. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.22. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien attenda ghal-laqgha tas-Sindki fl-ufficini ta’ l-AKL Balzan minhabba li thassret il-laqgha propja tas-Sindki u Vici Sindki.

## 13. Mistoqsijiet.

13.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 14. Korrispondenza.

14.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-15 ta’ Settembru u l-5 ta’ Ottubru 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/4956/11/I** Email minghand is-Sur Joseph Debattista mid-Dipartiment tal-Librerij fejn

17/08/2011 b'riferenza ghall-kotba Large Print informa l-Kunsill li l-ahjar soluzzjoni hija li tali kotba jigu mibdula m'ohrajn godda b'tipa kbira li jkunu ta' servizz ahjar lill-pubbliku.

14.02. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4956/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaderixxi mad-direzzjoni tas-sur Debattista.

14.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5117/11/I** 31/08/2011 Ittra minghand R&G Ciantar Services fejn b'riferenza ghat-tender tal-palm talab lill-Kunsill biex icedi l-parti tieghu ta' tender u nibghatu lura l-garanzija bankarja minhabba li ha xi kuntratti ohra.

14.05. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5117/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jilqa it-talba tas-sinjur u jirrinunzja lil dan is-sinjur mit-tender u ghalhekk ghandha tigi rilaxxata l-Garanzija Bankarja.

14.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.07. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsilliera Lauro Fava Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

14.08. Il-mozzjoni giet approvata.

**46/5305/11/I** 15/09/2011 Ittra minghand il-Verdala International School fejn talbu lill-Kunsill sabiex ir-road markings u t-tabelli fi Triq Cassino jitpoggew malajr kemm jista’ jkun minhabba li l-iskola regghet bdiet tintuza u t-triq qed tkun ta’ periklu.

**14.09.** B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5305/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ittra tirreferi ghall-korrispondenza 46/0918/11/I tas-16 ta’ Frar 2011 fejn il-Kunsill (Minuti 06/K6/2011) kien approva li jinsisti ghall-installazzjoni ta’ pelican lights, liema talba qatt ma giet approvata minn TM u ghalhekk irrakkomanda li jsir dak approvat u mitlub minn TM. Il-kelliem qal la huwa u lanqas xi membru iehor tal-Kunsill m’huwa lest li jerfa’ responsabilita’ ta’ xi accident.

14.10. Wara diskussjoni, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jerga’ jikkomunika mal-Verdala International School dwar il-possibilita’ li kif kien gie diskuss maghhom, huma jiffinanzjaw nofs l-ispiza. Il-kelliema qalet ukoll li ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill bhalissa jinsab fil-process li jingabru kwotazzjonijiet ghall-installazzjoni ta’ belishia beacons fil-lokal.

14.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5316/11/I** 15/09/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bin-National Volunteer Award 2011 organizzat mill-Malta Council for the Voluntary Sector.

14.13. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5316/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5382/11/I** 17/09/2011 Kwotazzjoni minghand l-Office Group ghal tibdil ta' parts fil-photocopier ghall-prezz ta' €155.41.

14.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5382/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova din in-nefqa.

14.15. Hadd mill-Kunsilliera prezenti m'issekonda il-proposta tas-Sindku.

14.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-maintenance li hemm bzonn huma rolers u jekk ma jsirx, qed iwaqqaf il-kapacita' tal-magna bin-nofs.

14.17. Wara diskussjoni li saret Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill johrog sejhiet ghal servizz tal-kiri ta' photocopier.

14.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/5428/11/I**<br>20/09/2011 | Ittra minghand l-Avv. Gian Luca Caruana Curran li qed jikteb f'isem il-kumpanija Ozosystem fejn qed joggezzjona ghad-decizjoni ta' tender 08/2011 u talab biex il-Kunsill jerga' jirtira d-decizjoni tieghu. |
| **46/5581/11/I**<br>28/09/2011 | Ittra minghand Anglu Farrugia and Associates Advocates fejn qed jikteb f'isem is-sur Charles Mifsud fejn qed jappella mid-decizjoni li ttiehdet fuq it-tenders riferenza 08/2011 u 10/2011u jerga' jikkunsidra. |
| **46/5728/11/I**<br>04/10/2011 | Risposta minghand l-Avv. tal-Kunsill Luciano Busuttil fejn jitlob lill-Kunsill biex jirreferi l-kaz lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. |
| **46/5729/11/O**<br>04/10/2011 | Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali abbazi tal-parir ta' l-avukat. |
| **46/5792/11/I**<br>05/10/2011 | Risposta minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informa lill-Kunsill li r-risposta li kien baghat id-Dipartiment hija wahda finali. |

14.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5428/11/I, 46/5581/11/I, 46/5728/11/I, 46/5729/11/O u 46/5792/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li skond l-Avukat tal-Kunsill dan qed jimplika li l-izball sar mid-Dipartiment meta ma waqqafx lill-Kunsill mill-ewwel. Il-kelliem qal li sadanittant il-process gdid ghandu jibqa' ghaddej kif ukoll ippropona li ghandha tintalab laqgha b'urgenza bejn l-Avukat tad-Dipartiment u tal-Kunsill ghax jekk jirrizulta li l-Kunsill seta' legalment evalwa l-offerti li kien hemm, allura l-Kunsill ghandu jimxi fuq l-ewwel ftuh. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk din il-laqgha ma taghtix rizultat sodisfacenti lill-Kunsill u tinqabez id-data ta' l-gheluq tat-tenders il-godda, dawn ghandhom ikunu ssigillati sakemm tigi ccarata legalment l-ewwel tbazwira. Il-kelliem qal li hemm Avukati qed jghidu moghod u d-Dipartiment qed jghid mod iehor, u zied li kulhadd ghandu dritt ifittex. Il-kelliem irrimarka li fid-decizjoni li kien ha l-Kunsill kien intqal li d-dokumenti kellhom jergghu jinhargu u sta ghal-kuntratturi jekk jaghmlux oggezzjoni fejn irrizulta li kien hemm zewg kuntratturi li oggezzjonaw. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu dritt ma jaqbilx mad-decizjoni tad-Direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

14.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li huwa ma kienx jaqbel mad-decizjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-kelliem qal li d-Dipartiment ma jafx li l-ittri li nkitbu kontra tieghu kienu nkitbu minn bniedem *'mentali'* u qed jitwemmen huwa u mhux il-membri tal-Kunsill. Il-kelliem qal li dan il-kliem ser jinghad quddiem il-membri tat-TV li ser ikunu prezenti fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill. Il-kelliem b'zieda ma' dak li kien qal is-Sindku, qal li l-Kunsill ghandu dritt jappella mid-decizjoni tad-

Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-kelliem qal li kull kuntrattur li kien involut kien ikkomunika mieghu u qallu li l-process kien twaqqaf minnhabba fih.

14.22. Kemm il-Kunsillier Lauro Fava kif ukoll il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma qablux ma' dak propost mis-Sindku ghax sostnew li l-Kunsill ghandu joqghod fuq l-ordni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, li huwa Awtorita fuq il-Kunsill.

14.23. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

14.24. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/5453/11/I**
20/09/2011
**46/5743/11/I**
04/10/2011

Email minghand l-Adventure Camping Shop fejn talbu konferma minghand il-Kunsill jekk il-kampegg ghaz-zghazagh jistax isir is-Sibt 22 t'Ottubru 2011.

14.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5453/11/I u 46/5743/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex din l-attivita' issir fit-22 ta' Ottubru 2011.

14.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li ghandha tigi kkancellata l-proposta li kient ghamlet hija stess ghall-attivita' ghal lejlet Holloween.

14.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.28. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

14.29. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/5404/11/I**
**46/5410/11/I**
**46/5411/11/I**
**46/5416/11/I**
19/09/2011
**46/5457/11/I**
20/09/2011
**46/5519/11/I**
24/09/2011
**46/5507/11/I**
**46/5508/11/I**
23/09/2011
**46/5704/11/I**
**46/5705/11/I**
**46/5706/11/I**
**46/5709/11/I**
03/10/2011

Diversi kwotazzjonijiet minghand il-kumpaniji Untours, Lufthansa, Alpine, Hamilton Travel u Euro Tours b'konnessjoni mal-progett ta' l-EU OSDDT li ser issir bejn it12 u l-14 t'Ottubru 2011 f'Montpellier, Franza.

14.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5404/11/I, 46/5410/11/I, 46/5411/11/I, 46/5416/11/I, 46/5457/11/I, 46/5519/11/I, 46/5507/11/I, 46/5508/11/I, 46/5704/11/I, 46/5705/11/I, 46/5706/11/I u 46/5709/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Untours ghall-prezz ta' €450.00 il-wiehed kif ukoll li kemm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll il-Kunsillier Joe Brincat jintalbu jhallsu huma ghal-lejl li ser jaghmlu zejjed.

14.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5458/11/I** 20/09/2011 Memo 87/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward - Skema ta' Finanzjament ta' Progetti Specjali 2011 u li l-applikazzjonijiet ghandhom jaslu sa l-20 ta' Ottubru 2011.

14.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5458/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-perjodu li qed jintalab ghal-risposti huwa qasir wisq.

14.34. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk il-Kunsill ikollu programm ta' xoghol, ma jkunx daqstant problematiku biex isiru dawn l-aplikazjonijiet.

**46/5477/11/I** 22/09/2011 Email minghand Angel Vella fejn staqsiet jekk hux possibbli li jsiru zebra crossing/lights fuq l-istage li hemm fil-coast road li jigu faccata ta' l-arlogg ta' l-iskola tal-bniet Sir Adrian Dingli minhabba li perikoluz biex jaqsmu n-nies.

14.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5477/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaccetta dan is-suggeriment imma ghandu jintbaghat ghall-konsiderazzjoni tat-Transport Malta.

14.36. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5478/11/I** 22/09/2011 Email minghand l-AKL fejn b'riferenza ghall-Playing Fields baghat definizzjoni tal-Persuna Kompetenti li tiehu hsieb il-playing fields li l-persuna ghandha tkun kwalifikata bhala Mechanical Engineer.

**46/5524/11/I** 24/09/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email li rcieva l-Kunsill minghand l-AKL dwar il-persuna kompetenti li tiehu hsieb il-Playing Fields informa l-Kunsill biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

14.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5478/11/I u 46/5524/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-AKL ghandha tintalab tipprovdi l-ispecifikazzjonijiet halli jkunu uniformi ghall-Kunsilli kollha u eventwalment jinhareg tender ghal dan ix-xoghol.

14.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5497/11/I** 23/09/2011 Memo 89/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward - Attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund u li l-applikazzjonijet ghandhom jaslu sa l-14 ta' Ottubru.

14.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5497/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jippartecipa billi waqt il-hinijiet ta' l-ufficcju jilqa' donazzjonijiet minghand ir-residenti.

14.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5517/11/I** 24/09/2011 Ittra flimkien ma' rapport tal-pulizija u rapport mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira minghand Tania Butters b'riferenza ghall-incident li kellha fejn

waqghet fil-bankina mkissra ta' Triq F.X Caruana.

14.44. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5517/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li rigward din il-bankina l-Kunsill kien approva l’issir wara l’issir laqgha mar-residenti. Il-kelliem qal li fil-laqgha kien hareg car li r-residenti huma moqdija u li jekk tinqala’ minn kif qeda ser tohloq aktar problemi ghal xi familji specjalment minhabba il-qlib tat-triq u ta’ l-ilmijiet tax-xita. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-laqgha kien diskuss ukoll il-punt li t-tiswija tal-bankina tista’ tibda mit-truf tan-naha fejn joqghod is-sur Butters. Ghalhekk il-kelliem ippropona biex il-Kunsill jibda jsewwi partijiet minn din il-bankina li jehtiegu tiswija u l-ewwel issir ta’ quddiem dawn is-sinjuri.

14.45. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.46. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-Kunsill kien talab il-parir tal-Perit tal-Kunsill, parir li s’issa ghadu qatt ma wasal ghand il-Kunsill.

14.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5542/11/I** 26/09/2011 — Email minghand is-sur Philip Galea fejn informa lill-Kunsill li rrizenja bhala Marketing Manager mal-Mc Donald's u qieghed impjegat Marketing Executive tal-kumpless ta' Baystreet u talab laqgha mal-Kunsill dwar avvenimenti li jistghu isiru flimkien ma' Baystreet.

**46/5555/11/I** 27/09/2011 — E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn talbet biex kemm jista' jkun malajr issir laqgha mas-sur Philip Galea ta' Baystreet.

14.48. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5542/11/I u 46/5555/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jiltaqa’ mas-sur Galea.

14.49. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5553/11/I** 27/09/2011 **46/5596/11/I** 28/09/2011 — Kopja ta' l-ittra li s-sur Raymond Sammut baghat lill-Ghassa tal-Pulizija dwar vandalizmu li ghamlu zewg zghazagh fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

14.51. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5553/11/I u 46/5596/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-sinjur mar personalment jaghmel rapport il-Pulizija u ser jikkopera mal-Pulizija biex jidentifika lil dan il-guvnott. Il-kelliem ippropona biex il-Kunsill jibghat ittra ta’ ringrazzjament lil dan is-sinjur tas-sens civiku tieghu.

14.52. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li dan ghandu jinghata rikonoxximent f’Jum Pembroke 2012.

14.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.54. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Pulizija biex issir aktar ronda frekwenti. Il-kelliema qalet ukoll li fil-jiem li ghaddew persuna lmentat li cemplet il-Kunsill wara li kien hemm fastidju fuq it-tifla taghha fejn qalet li l-iskrivani qalula li l-Kunsill ma kellux x’jaqsam u talbuha taghmel rapport l-Ghassa. Il-kelliema qalet li dan mhux atteggjament accettabbli mill-iskrivani. I

14.55. Is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li jsir rapport lil TM minhabba li l-parkegg tal-Park & Ride, spicca zona abbandunata u qed jintuza ghal diversi abbuzi.

**46/5558/11/I** 27/09/2011 — E-mail minghand Transport Malta fejn informaw lill-Kunsill bit-tibdil li ser

ikun hemm minn nhar il-Hadd 2 t'Ottubru 2011 fejn ir-rotta 120 ser tkun introdotta minflok ir-Rotta 123 u nforma l-Kunsill li r-rotta minn Pembroke ghal Belt ser tigi ntrodotta fl-ahhar t'Ottubru.

14.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5558/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaghmel leaflet lir-residenti b'dan it-tibdil izda dan il-leaflet ghandu jsir wara l-laqgha li ser issir mat-TM biex tigi konkluza r-rotta minn Pembroke ghall-Belt.

14.57. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5579/11/I** 27/09/2011 **46/5635/11/I** 29/09/2011 — Memo 90/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward - Skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2012. Id-data sa meta ghandhom jintbghatu l-applikazzjonijiet hija sal-Hamis 27 ta' Ottubru 2011.

14.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5579/11/I u 46/5635/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li dawn kienu ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

14.60. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet jekk il-Kunsill jistax jorganizza t-tournament li kien isir ma' Roccalumera.

14.61. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien ser jivverifika.

**46/5639/11/I** 29/09/2011 — Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li l-Malta Council for the Voluntary Sector ser jorganizza konferenza dwar Employee Supported Volunteering nhar it-28 ta' Ottubru 2011.

14.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5639/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex tattendi l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat peress li tista' tattendi biss persuna wahda.

14.63. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5646/11/I** 29/09/2011 — Kwotazzjoni minghand l-Infinite Fusion Technologies ghal €135 eskluz il-VAT ghal xoghol ta' manutenzjoni tas-sistema tal-Kunsill.

14.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5646/11/I** saret diskusjoni jekk il-bzonn huwiex urgenti u dan vis-a-vis li bhalissa hemm il-process ta' kwotazzjoni ghal servizz ta' support ta' l-IT tal-Kunsill. Wara d-diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona biex din ghalissa tithalla ghal aktar il-quddiem. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jara li jinbidlu l-lampi li huma imwahhla fuq barra tal-Kunsill u minflok isiru lampi li jaghtu aktar dawl. Il-kelliem ippropona wkoll li l-quddiem il-Kunsill ghandu jara li jinxtraw u jigu nstallata CCTV cameras li jkunu hafna ahjar minn dawk li hemm prezentament u ghalhekk jinhargu sejha ghall-kwotazzjonijiet.

14.66. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5682/11/I** 01/10/2011 **46/5713/11/I** 03/10/2011 — Talba minghand Ms. Laura Dulinski titlob li taghmel work placement mal-Kunsill bejn is-7 ta' Mejju u s-7 ta' Lulju 2011. (Perjodu ta' 6 gimghat)

**46/5722/11/I** — Email minghand Ms. Lola Rodrigue titlob li taghmel work placement mal-

03/10/2011 Kunsill bejn Mejju u Lulju 2012.

**46/5768/11/I**
05/10/2011

14.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5682/11/I, 46/5713/11/I, 46/5722/11/I u 46/5768/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaccetta dawn it-talbiet sakemm dawn ma jigux fl-istess perjodu. Jekk kemm il-darba jkunu fl-istess perjodu, il-Kunsill ghandu japprova t-talba ta' Ms. Laura Dulinski.

14.69. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5683/11/I** 01/10/2011 Email minghand l-Avv. Luciano Busuttil jinforma lill-Kunsill, li l-Kunsill fil-kaz tad-Default Notice u l-qtugh mill-kont tas-sur Shawn Farrugia, mexa skond kif stipulat fil-kuntratt.

14.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5683/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jinforma lis-sur Shawn Farrugia li skond il-parir ta' l-Avukat il-Kunsill kien korrett f'dak li kien ghamel.

14.72. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.74. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat gibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera li fl-imghoddi jidher li l-Kunsill qatt ma ha azzjonijiet simili ma' kuntratturi ohra.

**46/5693/11/I** 03/10/2011 Email minghand il-Perit Joe Camilleri (MRRA) jistaqsi lill-Kunsill jekk il-patching biswit il-hajt li sar bejn il-Kunsill u l-Verdala International School jistax isir bil-konkos minflok hot tarmak.

14.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5693/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni sakemm ix-xoghol isir b'tarmak saw u jsir pulit u kif suppost.

14.76. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5702/11/I** 03/10/2011 Email minghand l-MRRA jinfurmaw lill-Kunsill li l-picnic tables li nqalghu minn Pembroke mhux finanzjarjament vijabbli li jissewwew.

14.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5702/11/I** il-Kunsillier Joe Brincat offra li jaghmel spezzjoni ta' dawn l-imwejjed u ser jinforma lura lill-Kunsill.

**46/5723/11/I** 03/10/2011 Ittra minghand Luxol Sports Club jitolbu l'issir laqgha mal-Kunsill u l-Overseas RUFC dwar il-possibilita' li dawn ta' l-ahhar jaghmlu uzu mill-facilitajiet tal-klabb.

**46/5754/11/I** 04/10/2011 Ittra minghand il-Kap ta' l-Iskola Sir Adrian Dingli tinforma lill-Kunsill li lesti jikkunsidraw il-proposta ta' Overseas RUFC sakemm il-lezzjonijiet ikunu nhar ta' Tlieta bejn 12.40pm u 13.20pm.

**46/5772/11/I** 05/10/2011 Ittra minghand il-Principal tal-Kullegg Santa Klara tinforma lill-Kunsill li ser tiddiskuti l-proposta ta' Overseas RUFC dwar possibilita' li dawn jipprovdu taghlim fl-iskejjel tal-lokal.

**46/5783/11/I** Ittra minghand Melita FC jitolbu l'issir laqgha mal-Kunsill u l-Overseas

05/10/2011 RUFC dwar il-possibilita' li dawn ta' l-ahhar jaghmlu uzu mill-facilitajiet tal-klabb.

14.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5723/11/I, 46/5754/11/I, 46/5772/11/I u 46/5783/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex fil-jiem li gejja ssir laqgha ma' dawk kollha li urew li huma nteressati.

14.80. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.81. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5726/11/I** 03/10/2011 **46/5763/11/I** 04/10/2011 Ittra minghand is-sur Steven Vella jitlob li jiltaqa' mal-Kunsill dwar Social Impact Assessment li gie mitlub jaghmel minn Transport Malta vis-a-vis ix-xoghol t'upgrading li ser isir fuq il-Coast Road.

14.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5726/11/I u 46/5763/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex din il-laqgha ghandha ssir nhar it-Tlieta 11/10/11 fit-3.00pm.

14.83. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5737/11/I** 04/10/2011 Email minghand Subculture Animal Friends li bl-approvazzjoni tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ser iqassmu minghajr hlas kotba lit-tfal ta' l-iskejjel tal-Gvern Yr 4, 5 u 6 u qed jitolbu kontribuzzjoni ta' €100 minghand kull Kunsill Lokali fejn dawk li jaccettaw ser titnizzel l-emblema taghhom fuq l-istess pubblikazzjoni.

14.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5737/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjattiva edukattiva b'kontribuzzjoni ta' €100.00.

14.86. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.87. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5756/11/I** 04/10/2011 Email minghand AKL dwar Konferenza bit-titlu STANDUP li ser issir nhar 29 ta' Ottubru 2011. (Closing date 21 ta' Ottubru 2011)

14.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5756/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa kien ser jattendi.

**46/5764/11/I** 04/10/2011 Memo 94/2011 minghand id-DLG jirrakkomanda li fid-dhul ta' kull Playground ghandu jkun hemm tabella li tindika diversi nformazzjoni skond rakkomandazzjonijiet tal-MCCAA.

14.89. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5764/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill iwaħħal tabella fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta, Gnien 4 ta' Lulju u Gnien San Patrizju.

14.90. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.91. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5769/11/I** 05/10/2011 Ittra minghand WasteServ Malta Ltd. jistiednu lill-Kunsill jippartecipa fil-European Week for Waste Reduction (EWWR) bejn id-19 u s-27 ta' Novembru 2011. (Data ta' l-gheluq 31/10/2011)

14.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5769/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jippartecipa u jistaqsi lill-WasteServ Malta Ltd. x'tip t'inizjattivi qed jistennew li jaghmlu l-Kunsilli.

14.93. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.94. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5775/11/O**
**46/5776/11/I**
05/10/2011

Kopja' ta' email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar bowser ta' l-ilma ghall-funtana ta' Juno Flats b'risposta minghand id-Dipartiment fejn qed issir riferenza ghat-twegibiet precedenti li tali xoghol jitqies bhala donazzjoni.

14.95. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5775/11/O u 46/5776/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-laqgha li saret mar-residenti ta' Juno Flats jidher li l-funtana nieqsa mill-ilma u hemm bzonn urgenti li jintefa' bowser ilma minhabba li l-hut daqt imut.

14.96. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli oggezzjona bil-qawwa kolla ghall-ittra li nkitbet lid-Dipartiment iffirmata mis-Sindku ghall-Gvern Lokali ghax sostna li din hija zgwidata minhabba li l-ilma ghandu jitwaddab fil-gibja biex ma ssirx hsara u wara l-funtana tiehu l-ilma mill-gibja u mhux fil-funtana u l-kumplament fil-gibja kif inkiteb. Il-Vici Sindku qal li ma jistax jahdem mal-maggoranza tal-Kunsilliera Laburisti minhabba li qal li jhoss li dawn qed jahdmu kontra l-interessi tar-residenti ta' Juno Flats.

14.97. Hawn qam battibekk shun bejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Sindku Joe Zammit dwar interpretazzjonijiet ta' l-ittra li saret lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-kuncett tal-provista tal-ilma huwa l-istess ghax il-funtana tiehu l-ilma mil-gibja u biex timla' il-gibja u tiehu ghal-funtana trid aktar milli timtela il-funtana. Il-kelliem qal li r-risposta tad-Dipartiment kienet li hi u huwa qal li kien lest li jhallas mill-Onorarja tieghu ghall-provista tal-bowser ilma biex ma jmutux il-hut.

14.98. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ddikjara li huwa m'ghadux ihossu li jifforma parti mill-maggoranza fil-Kunsill u fuq kumment tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-kelliem qal li mill-laqgha li jmiss, ser ikun il-Partit Nazzjonalista li ser ikollhom il-maggoranza fil-Kunsill. B'riferenza lejn is-Sindku Joe Zammit, il-kelliem qal li s-Sindku mhux bhal leader tieghu kien qed jaghmel, izda rrimarka li l-maggoranza tal-Kunslliera qed jahdmu kontra l-interess tar-residenti. Il-kelliem stqarr li lilu ma jmexxih ebda papa mill-head quarters u stqarr li kontra qablu, ma jistax jahdem mal-maggoranza. Il-kelliem tenna li s-Sindku Joe Zammit kellu direttiva biex il-kaz ta' l-iskema tal-manutenzjoni tad-djar ma kelliex titressaq quddiem il-Kunsill ghax tmur kontra l-interessi tar-residenti. F'dan il-hin il Vici talab biex ikun skuzat u jitlaq mill-laqgha.

14.99. F'dan il-mument is-Sindku Joe Zammit qal li kienet ghalhekk li kienet issejhet il-laqgha mar-residenti ta' Juno Flats biex jigi spjegat lilom bhal ma' sar m'ohrajn. F'dan il-hin, is-Sindku Joe Zammit ukoll talab biex jigi skuzat u qal li kien ser ihalli l-kamra, izda waqaf biex tkun tista' titkompla l-laqgha.

14.100. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ukoll ma telaqx u baqa' fil-laqgha. Il-kelliem irrimarka li fil-passat mhux l-ewwel darba li l-Kunsill tefa' ilma fil-gibjuni f'diversi zoni tal-lokal.

14.101. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill, li huwa bhala Segretarju Ezekuttiv qatt ma kien infurmat b'dan.

14.102. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat gibdet l-attenzjoni tal-Vici Sindku Alfred Maziztelli li din il-kwistjoni ta' l-ilma mhiex kwistjoni kontra ir-residenti. Il-kelliema qalet li l-ilma fil-gibjun u ndirettament fil-funtana ihallas ghalieh il-Kunsill u ladarba d-Dipartiment kien informa lill-Kunsill li ma jsiatx isir xoghol f'Juno Flats, dan ukoll mhux suppost isir u ghalhekk ma jistax isir. Il-kelliema qalet li hija kienet giet avvicinata minn xi residenti fejn infurmawha li r-residenti ta' Juno Flats kienu qed juzaw l-ilma biex isaqqu, kif ukoll ghal bzonnijiet taghhom ukoll. Il-kelliema esklamat li lilha hadd ma jimlila l-gibja bil-bowser u ghalhekk il-Kunsill ghandu joqghod attenti ghax dan huwa kollu nfieq minn flus il-poplu.

14.103. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghall-Minuti 18/K6/2011 fejn il-Kunsill kien approva li jinghata rikonoxximent lis-sur Isaac Camenzuli fejn ipproponiet biex mal-Book Token ta' €10.00, il-Kunsill ghandu jipprezentalu midalja u certifikat ta' rikonoxximent.

14.104. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.105. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5786/11/I** 05/10/2011 Certifikat minghand il-PPCD ta' l-ewwel claim tal-progett OSDDT – Med.

14.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5786/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-ammont ta' €78.00 gie mnaqqas mill-claim li jikkorrispondi ma' €39.00 mis-Subsistance Allowance tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u €39.00 mis-Subsistance Allowance tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

14.107. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat insistiet li s-sur Lawrence Attard ghandu jipprotesta mal-PPCD ghat-tnaqqis li sar minhabba li meta hija u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kienu Turin, l-ikel thallas kollu minnaha taghhom stess u ghalhekk ma tistax tifhem kif sar dan it-tnaqqis.

**46/5788/11/I** 05/10/2011 Email minghand il-Luxol Sports Club iressaq proposta lill-Kunsill biex il-Kunsill bil-kollaborazzjoni taghhom jorganizza International Christmas Football Tournament fi zmien il-Milied bil-possibilita' tal-partecipazzoni ta' timijiet mill-bliet li l-Kunsill huwa Gemellat maghhom, liema attivita' ssir fil-facilitajiet tal-klabb stess.

14.108. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5788/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' maghhom dwar din il-proposta.

14.109. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat bil-kundizzjoni li l-Kunsill ma johrog ebda spejjez kif ukoll li l-istess klabb gie kkoregut minhabba li fl-ittra taghhom kwotaw li l-Kunsill ghandu Gemellagg ma' Bergen, xi haga li hija zbaljata.

14.110. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

15.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt ta' l-LES.

## 16. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

16.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kienux tresqu proposti mill-Kunsillieri biex isiru attivitajiet taht dan l-item hlief dawk li diga huma approvati mill-Kunsill fil-laqghat precedenti.

## 17. Approvazzjoni tal-kontijiet.

17.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. K, L u M)**

17.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tas-sur Ronald Bezzina (Servizz tal-bowser) sakemm jipprovdi l-informazzjoni mitluba mill-Kunsill skond l-ahhar laqgha u eventwalment jerga' jitressaq fil-laqgha li jmiss.

17.03. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

17.04. Il-kontijiet kollha gew approvati unanimament ghajr ghall-kontijiet tas-sur Shawn Farrugia fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

17.05. Il-kontijiet gew approvata.

17.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli staqsa min kien qed jiccertifika li x-xoghol tal-kuntrattur Shawn Farrugia vera qed isir. Il-kelliem talab li l-Kunsill jikseb time table ta' fejn qed jahdem is-sur Karmenu Mazzitelli mad-Dipartiment tal-Gvern. Il-kelliem qal li huwa mhux qed jara l-haddiema tal-kuntrattur fil-lokal.

17.07. Is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsilliera li d-dekasteru ta' l-ambjent hadd ma rid li jiehdu f'idejh u ghalhekk ghadda ndirettament tahtu bhala Sindku. Il-kelliem fakkar l'izda kull Kunsillier huwa responsabbli mix-xoghol li qed isir. Rigward it-timetable il-kelliem qal li din qed issir kif saret fis-snin li ghaddew.

17.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija tara lill-haddiema ta' Shawn Farrugia hafna drabi fil-lokal. Il-kelliema qalet l'anke l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jarah ghax f'dawn l-ahhar jiem kien zgur li ra lill-haddiema ghax hija stess ratu ghaddej minn hdejhom.

17.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa mhux jara l-haddiema tal-kuntrattur Shawn Farrugia fil-lokal u dan fid-dawl li suppost it-toroq tal-lokal jinkinsu darbtejn fil-gimgha u skond huwa dan mhux isir. Il-kelliem qal li meta ra lill-haddiema tas-sur Farrugia dawn kienu qed jizbrghu s-sigar tal-palm. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fakkar lill Kunsillieri li fix-xhur li ghaddew l-Ispettur Gafa kien rega' bghat ghas-Sindku u ghalieh fuq l-istess argument tax-xoghol tas-Shawn Farrugia.

17.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li huwa qatt ma kien infurmat b'dan l-izvilupp.

17.11. Is-Sindku Joe Zammit qal li f'April kien baghat ghalih l-Ispettur Gafa wara li kien bghat ghall-Vici Sindku.

17.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija ukoll qatt ma kienet infurmata b'dan

## 18. Materji ohra.

18.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-kuntrattur Philip Seguna jinghata l-parir li jorbot l-iskips sabiex dawn ma jinsterqux. Il-kelliema pproponiet ukoll li l-Kunsill jinstalla 4 CCTV li jkunu jduru f'diversi postijiet mal-Bins on Wheels kollha li hawn fil-lokal.

18.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li l-Kunsill ghandu jistaqsi lill-Greenpak jekk jofrux dan is-servizz ukoll.

18.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***18.04. Il-Kunsillier Lauro Fava talab li jigi skuzat fit-8.30pm.***

18.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-Koptasin biex jaghmlu xoghol ta' zebgha ta' road markings fi Triq il-Mediterran.

18.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

18.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghall-progett ta' l-EU propost minn Roccalumera, ENVOY fejn qalet li wara komunikat li kellha ma' Angela Caspanello din ta' l-ahhar infurmatha li Roccalumera lesti li jiffinanzjaw l-ispiza kollha li jista' jkun hemm biex isir il-progett f'Malta u ghalhekk dan ma jiswa xejn lill-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliema pproponiet li ladarba nbidlet din il-pozizzjoni, il-Kunsill ghandu jippartecipa f'dan il-progett. **(Ara dok N)** Il-kelliema pproponiet ukoll li l-Kunsill jinnomina lilha biex tkun hi li tiehu hsieb il-ko-ordinament u dak kollu li ser ikollu x'jaqsam ma' dan il-progett inkluz li tkun hi li taghzel lil min ser jippartecipa.

18.09. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li l-Kunsill ghandu jippartecipa bil-kundizjoni li l-Kunsill ma johrog ebda flus mill-voti tieghu.

18.10. Il-Kunsill qabel unanimament

18.11. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghal zmien il-Milied il-Kunsill ilaqqa' lill-Anzjani fis-sala tal-Knisja u tigi organizzata tombla. Il-kelliem qal li ghal din l-attivita' il-Kunsill ghandu jitlob sponsor minghand il-lukandi tal-madwar ghal xi ikel.

18.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

18.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.14. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li bhal ma sar fis-snin li ghaddew, il-Kunsill jikri festun tad-dawl ghal zmien il-Milied fi Triq Normandy u quddiem il-Knisja.

18.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

18.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li ghal zmien il-Milied il-Kunsill jorganizza zjara biex jaraw id-diversi presepji li jkun hawn f'Malta kif ukoll attivita' tal-Milied ghat-tfal.

18.18. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

18.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.20. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li fi zmien il-Milied il-Kunsill jorganizza reception ghall-membri tal-Kunsill.

18.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

18.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.23. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel laqgha mal-MEUSAC halli tkun tista' ssir applikazzjoni ghall-fondi biex ikun jista' jigi ccelebrat Frar u f'Marzu isir programm specjali f'gheluq l-10 snin ta' gemellagg ma' Pembroke Wales u Pembroke Dock. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jitlob il-permess tad-Dipartiment biex il-flus li mhux ser jintuzaw din is-sena mill-gemellagg, ikunu jistghu jintuzaw is-sena li gejja flimkien mal-vot tas-sena 2012.

18.24. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dwar il-finanzjament kien diga talab il-parir tad-DLG ( 46/5744/11/O) u kien qed jistenna twegiba.

18.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat ziedet li l-Kunsill ghandu jzur Wales fiz-zmien meta jkun hemm il-Mayor Making f'Pembroke Town.

18.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.27. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sur Paul Formosa ta' Juno Flats ghandu jinghata permess mill-Kunsill biex ikun jista' jindokra bicca art li hemm biswit Juno Flats u dan minghajr ebda pretenzjoni.

18.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li din l-approvazzjoni ghandha tinhareg wara l'issir il-proposta bil-miktub mis-sinjur stess.

18.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-Kunsill ghandu jgedded talbiet simili li kienu saru minn residenti ohra fil-lokal.

18.31. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-art li kienet tintuza mill-familja Chetcuti ta' Triq Falaise, gie nfurmat mis-sinjura Doris Chetcuti li dawn m'ghadx ghandhom interess fiha.

18.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li dan is-sit li hemm bejn Triq Falaise u Triq Sir Luigi Preziosi ghandu jinbidel f'parkegg.

18.33. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li l-Kunsill ghandu jqabbad lill-Perit biex isiru l-pjanti u l-permessi necessarji tal-MEPA.

18.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.35. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jitlob lill-HSBC biex tirranga l-Merhba sign li hemm fil-bidu ta' San Patrizju.

18.36. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

18.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.38. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li jigi mnaddaf is-suppost gnien li hemm f'St. Patricks billi jitnehhew il-munzelli ta' hamrija li hemm.

18.39. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u jekk hemm bzonn tingabar stima minghand J&K Contractors Ltd qabel isir ix-xoghol.

18.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.41. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jitlob spjegazzjoni minghand l-Enemalta dwar il-qtugh tad-dawl frekwenti li qed ikun hemm f'St. Patricks.

18.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

18.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.44. Il-Kunsillier Joe Brincat irrakkomanda li l-Kunsill jitlob lill-Airmalta biex il-funtana tal-gebel li hemm quddiem l-arlogg, tinqala' u titpogga fin-nofs tar-roundabout li saret gdida quddiem il-Kunsill.

18.45. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill johrog b'direzzjoni dwar ix-xiri ta' biljetti ta' l-ajru.

18.46. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex meta l-Kunsill japprova li xi membri tal-Kunsill imorru barra minn Malta fuq safar, awtomatikament il-Kunsill qed japprova li jinxtara l-biljetti ta' l-ajru kif ukoll tinkera u jsir il-hlas ta' l-akkomodazzjoni, liema hlasijiet ikunu dawk l-aktar vatagjuzi kemm fi flus kif ukoll f'hin ta' vjagg u eventwalment jigu approvati wara mill-Kunsill fil-laqgha li jkun imiss.

18.47. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

18.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.49. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Maggur John Micallef filghodu kien gie l-Kunsill u talab li jsiru xi bollards fit-toroq ta' l-iskola primarja kif ukoll xi tibdil iehor. Il-kelliem qal li nzorta kien prezenti wkoll il-Kunsillier Joe Brincat.

18.50. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li jkun aktar ghaqli li jibda jkun hemm Pulizija kulljum ghax sallum stess rega' ma kienx hemm Pulizija.

18.51. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fid-9.25pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 26 ta' Ottubru fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |